## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 512/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Oglive Grima**

Seduta tas-26 t'April, 2018

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Oglive Grima, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 207891M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin f'Rahal Gdid nhar is-26 ta' Settembru 2012 ghal habta ta' xi tmienja u nofs ta' filghodu (08:30hrs) gieghel annimal isofri minn ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn. Il-Qorti kienet mitluba tapplika l-provvediment tal-artikolu 33A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; talli

fl-istess zmien u cirkostanzi wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta' kkundizzjonata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, Dr A. Micallef Trigona LLD ai termini ta' Kap 446 datata 22 t'Awwissu, 2012 u aktar talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Magistrati ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 ta' Novembru, 2015 li biha filwaqt li ma sabitx lill-imputat hati tal-addebitu tar-recediva u minnu illiberatu, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra b'dan li inkwantu ghat-tielet imputazzjoni sabitu hati ta' ksur ta' ordni ta' probation u ikkundannatu ghal xahrejn prigunerija. Inoltre l-Qorti ghazlet li ma titrattax mal-imputat ghal ksur tal-ordni tal-probation.

Rat ir-rikors tal-appellant Oglive Grima, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Novembru, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi "*tikkonferma mhux tar-raba akkuza u tilliberah mill-akkuzi l-ohra u fin-nuqqas taghti sentenza aktar ekwa u gusta.*" [sic];

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra, din il-Qorti tosserva illi sia l-parti disposittiva tas-sentenza appellata kif ukoll it-talba fir-

rikors tal-appell huma xi ftit jew wisq infelici u ma tistghax ma tikkummentax dwarhom. L-ewwel Qorti, wara li ghal xi raguni ma sabitx htija fl-addebitu tar-recidiva, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet l-ohra inkluz allura tal-ksur tal-ordni ta' probation u kkundannatu ghal-terminu ta' prigunerija ta' xaharejn. Fl-istess waqt ghazlet illi ma titrattax mieghu ghall-ksur tal-ordni tal-probation meta ma setghetx taghmel dan ghaliex fit-termini tal-Kaptiolu 446 kellha taghmel dan tassattivament. L-Avukat Generali, izda, ma appellax in rigward. Imbaghad ma jistghax ma jkunx osservat ukoll dak mitlub mill-appellant fil-kliem ingarbuljat tieghu. Wara ezami tar-rikors u fl-ispirtu tal-emendi introdotti bl-Att I tal-2018 ghaliex altrimenti r-rikors kien certament ikun dikjarat null, jidher li l-appellant qed jitlob ir-riforma tas-sentenza appellata billi tkun konfermata dik il-parti li fiha ma sabitux hati tal-addebitu tar-recidiva u mhassra dik li biha sabitu hati tal-imputazzjonijiet u addebiti l-ohra. Huma ezaltati talbiet aktar cari, legibbli u logici li fin-nuqqas taghhom jistghu jisvantaggjaw lill-appellant;

2. Ventilat dan, l-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravami singolari li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi ghaliex kien hemm dubju ragjonevoli li kellu jmur favur il-liberazzjoni tieghu. Dan ghalhekk jirrikjedi ezami approfondit tal-provi sabiex din il-Qorti tkun f'qaghda tiddeciedi jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha;

3. In succint, l-appellant tressaq biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet odjerni ghaliex waqt li kien inkarcerat gewwa il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, u waqt li kien qed jiskonta zmien ta' izolament, kien qieghed f'xi hin gewwa speci ta' gagga *ambulance bay* fejn il-prigunieri jithallew ghal ftit zmien u fejn ghandhom facilita' li jaghmlu te' jew kafe fejn hemm ukoll kitla. Dak il-hin fl-istess area kien hemm hu l-appellant u f'hin minnhom il-gwardjan

sema twerzieq tal-kelb taghhom. Irrizulta li l-kelb safa mismut u malli l-gwardja ezamina filmat minn *cctv* ikkonferma li kien l-appellant li tefa' tazza mishun fuq dan il-kelb minn bejn il-hadid. Ezaminat minn veterinarja rrizulta li sofra *first degree burns*;

4. Issa, ghalkemm l-appellant jillanja s-sentenza appellata, huwa stess jikkonferma fir-rikors tieghu illi l-Gwardjan kien qafflu fic-cella wara li ammetta mieghu li kien hu li tefa' l-mishun u li granet wara kien kiteb lill-Gwardjan u skuza ruhu tal-akkadut u sabiex ma jhallux l-kwistjoni teskala. Ezaminati l-atti processwali jemergi illi s-sentenza tal-ewwel Qorti hija radikata minn ghazla bejn verzjoni moghtija mill-appellant u l-provi l-ohra. L-appellant kien xehed illi dakinhar kien qed ilahlah xi recipjenti tal-ikel mcappsin biz-zalza. Il-kelb in kwistjoni gie jilghaq iz-zalza u laqtu b'daqsxejn mishun li aktar tard ddeskriva bhala ilma fietel. Minnufih gie l-Maggur li qaflu fic-cella ghall-tlettax-il jum minghajr ma jaf ghaliex;

5. Din il-Qorti, bhal dik tal-ewwel grad, ezaminat il-filmat u ghalkemm tidher biss id ta' persuna tixhet likwidu fuq kelb, l-appellant stess ikkonferma li kien hu li tefa' dan il-mishun anke jekk bi zball. Dik l-id allura hija tal-appellant u ta' hadd izjed. Issa, sia l-filmat, sia il-griehi kagjonati fuq il-kelb kif ukoll l-ittra miktuba mill-appellant lill-Maggur ma lissnu l-ebda dubju li kien hu li intenzjonalment xehedet mishun u mhux ilma fietel fuq dan il-kelb. Din il-Qorti ma tara xejn sindakabbli fil-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti li ragjonevolment u legalment ghazlet li tiskarta bhala inveritiera l-verzjoni tal-appellant favur indizji aktar sodi u inekwivoci li juru lill-appellant johrog tazza bil-mishun minn bejn il-hadid u jixhitha fuq il-kelb li mar jifrah bih.

6. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud.